REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1699

tat-22 ta' Settembru 2021

li jemenda l-Anness VIII tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 fir-rigward tal-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa għall-movimenti ta' konsenji ta' prodotti sekondarji tal-annimali minn żoni ristretti stabbiliti għall-prevenzjoni u għall-kontroll ta' ċertu mard elenkat

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali (Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 146(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 21(5), il-punt (b), tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 ([3]) jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni għar-regoli tas-saħħa pubblika u tal-annimali dwar il-prodotti sekondarji tal-annimali u dwar il-prodotti derivati stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1069/2009, inkluż il-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa u l-kundizzjonijiet li jirregolaw il-mod kif dawn għandhom jakkumpanjaw il-konsenji ta' tali prodotti.

(2) L-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 jipprevedi restrizzjonijiet ġenerali dwar is-saħħa tal-annimali fuq id-dispaċċ ta' prodotti sekondarji tal-annimali u prodotti derivati minn speċijiet suxxettibbli minn azjendi, stabbiliment, impjanti jew żoni li huma soġġetti għal restrizzjonijiet skont il-leġiżlazzjoni veterinarja tal-Unjoni jew minħabba l-preżenza ta' marda trażmissibbli serja elenkata fl-Anness I tad-Direttiva 92/119/KEE ([4]). Dik id-Direttiva titħassar u hija sostitwita mir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'effett mill-21 ta' April 2021. Ir-Regolament (UE) 2016/429 jintroduċi, fost l-oħrajn, sett ġdid ta' regoli dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard.

(3) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 ([5]) jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni u għall-kontroll ta' ċertu mard elenkat. L-Artikolu 22(5) ta' dak ir-Regolament Delegat jistipula li l-prodotti sekondarji tal-annimali li joriġinaw u nġarru barra minn żona ristretta, stabbilita meta tiġi kkonfermata tifqigħa ta' marda tal-kategorija A, sabiex jiġi evitat it-tixrid ulterjuri tal-marda, iridu jiġu akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa maħruġ minn veterinarju uffiċjali li jiddikjara li jistgħu jinġarru miż-żona ristretta skont il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-Kapitolu II tal-Parti II ta' dak ir-Regolament Delegat.

([1]) ĠU L 84 31.3.2016, p. 1.

([2]) ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1.

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 tal-25 ta' Frar 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi skont dik id-Direttiva (ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1).

([4]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/119/KEE tas-17 ta' Diċembru 1992 li tintroduċi miżuri ġenerali Komunitarji għall-kontroll ta' ċertu mard tal-annimali u l-miżuri speċifiċi li għandhom x'jaqsmu mal-marda vexxikolari tal-ħnieżer (ĠU L 62, 15.3.1993, p. 69).

([5]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 64).

(4) Ir-Regolament (UE) Nru 142/2011 jipprovdi regoli għat-tqegħid fis-suq tal-prodotti sekondarji tal-annimali. L-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 jistipula li l-konsenji tal-prodotti sekondarji tal-annimali jridu jiġu akkumpanjati matul it-trasport mid-dokumenti kummerċjali jew miċ-ċertifikati tas-saħħa stabbiliti fil-Kapitolu III tal-Anness VIII ta' dak ir-Regolament. Il-leġiżlazzjoni dwar il-prodotti sekondarji tal-annimali hija sett komprensiv ta' regoli, b'mod partikolari regoli dwar il-kategorizzazzjoni, il-ġbir, it-trasport u l-ipproċessar ta' prodotti sekondarji tal-annimali. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġi introdott mudell ġdid taċ-ċertifikat, imsemmi fl-Artikolu 22(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, fil-Kapitolu III tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) Nru 142/2011.

(5) L-Anness VIII tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(6) Jenħtieġ li jiġi introdott perjodu tranżitorju xieraq biex l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati jkunu jistgħu jadattaw għar-regoli l-ġodda dwar il-moviment tal-prodotti sekondarji tal-annimali miż-żoni ristretti stabbiliti f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness VIII tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mis-17 ta' Ottubru 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Settembru 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Fil-Kapitolu III tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) Nru 142/2011, jiżdied il-punt 7 li ġej:

"7. Mudell taċ-Ċertifikat tas-Saħħa

Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa għall-moviment ta' prodotti sekondarji tal-annimali minn żoni ristretti stabbiliti għall-prevenzjoni u għall-kontroll ta' ċertu mard elenkat

Parti I: Dettalji tal-**konsenja pprezentata**

I.1. Konsenjatur
Isem
Indirizz
Kodiċi postali

I.2. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat | I.2.a. Nru ta' referenza lokali

I.3. Awtorità kompetenti ċentrali

I.4. Awtorità kompetenti lokali

I.5. Destinatarju
Isem
Indirizz
Kodiċi postali

I.6. Nru/i taċ-ċertifikati oriġinali relatati..... Nru/i ta' dokumenti
Ta' akkumpanjament

I.7. Negozjant
Isem ..... Numru tal-approvazzjoni

I.8. Pajjiż ta' oriġini | Kodiċi ISO | I.9. Reġjun ta' oriġini

I.10. Pajjiż ta' destinazzjoni | Kodiċi ISO | I.11. Reġjun ta' destinazzjoni

I.12. Post ta' oriġini
Isem | Numru tal-approvazzjoni
Indirizz
Kodiċi postali

I.13. Post ta' destinazzjoni
Isem | Numru tal-approvazzjoni
Indirizz
Kodiċi postali

I.14. Post ta' tagħbija
Kodiċi postali/Reġjun

I.15. Data u ħin tat-tluq

I.16. Mezzi tat-trasport
Ajruplan ☐ Bastiment ☐ Vagun tal-ferrovija ☐
Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐
Identifikazzjoni
Numru/i

I.17. Trasportatur
Isem | Numru tal-approvazzjoni
Indirizz
Kodiċi postali | Stat Membru

I.18. Deskrizzjoni tal-komodità

I.19. Kodiċi tal-komodità (Kodiċi HS)

I.20. Numru/Kwantità

I.21. Temperatura tal-prodotti

I.22. Għadd ta' pakketti

I.23. Identifikazzjoni tal-kontenitur/Numru tas-siġill

I.24. Tip ta' imballaġġ

I.25. Komoditajiet iċċertifikati għal:

I.26. Tranżitu minn pajjiż terz ☐
Pajjiż terz | Kodiċi ISO
Punt tal-ħruġ | Kodiċi
Punt tad-dħul | Nru tal-BIP

I.27. Tranżitu minn Stati Membri ☐
Stat Membru | Kodiċi ISO
Stat Membru | Kodiċi ISO
Stat Membru | Kodiċi ISO

I.28. Esportazzjoni ☐
Pajjiż terz | Kodiċi ISO
Punt tal-ħruġ | Kodiċi

I.29. Ħin stmat tal-vjaġġ

I.30. Pjan tar-rotta
Iva Le

I.31. Identifikazzjoni tal-komoditajiet
Speċi (Isem xjentifiku) | Kwantità

Prodotti sekondarji tal-annimali minn żoni ristretti stabbiliti għall-prevenzjoni u għall-kontroll ta' ċertu mard elenkat

	II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b. Numru ta' referenza lokali
Parti II: Ċertifikazzjoni	Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan qed niċċertifika li: (1)jew [II.1 Il-prodotti sekondarji tal-annimali deskritti fil-Parti I inkisbu minn annimali miżmuma: (1)jew [inqatlu għall-fini tal-prevenzjoni u l-kontroll ta': (1) jew [..... (daħħal l-isem tal-marda tal-kategorija A rilevanti) skont l-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti f'konformità mar-Regolament (UE) 2020/687 u huma maħsuba għall-ipproċessar permezz ta' (1) jew [Metodu 1 sa 5.]]] (1) jew [inċinerazzjoni.]]] (1) jew [koinċinerazzjoni.]]] (1)jew [..... (daħħal l-isem tal-marda emerġenti rilevanti) skont l-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti f'konformità mal-miżuri ta' emerġenza adottati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 259 tar-Regolament (UE) 2016/429 u huma maħsuba għall-ipproċessar permezz ta' (1) jew [Metodu 1 sa 5.]]] (1) jew [inċinerazzjoni.]]] (1) jew [koinċinerazzjoni.]]] (1)jew [mhux soġġetti għall-qtil mill-awtorità kompetenti għall-fini tal-prevenzjoni u l-kontroll ta' mard tal-kategorija A jew mard emerġenti, miżmuma fi stabbilimenti li jinsabu f'żoni ristretti stabbiliti għall-prevenzjoni u għall-kontroll tal-mard tal-annimali f'konformità ma' (1) jew [ir-Regolament Delegat (UE) 2020/687,] (1) jew [miżuri temporanji speċjali għall-kontroll tal-mard imsemmija fl-Artikolu 71 tar-Regolament (UE) 2016/429,] (1) jew [miżuri ta' emerġenza adottati mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 259 tar-Regolament (UE) 2016/429,] u l-prodotti sekondarji tal-annimali jiġu trasferiti minn dik iż-żona ristretta f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fi ..... [2], għal (1) jew [l-ipproċessar bil-metodi 1-5 kif stabbilit fil-Kapitolu II tal-Anness IV u fil-każ ta' insilaġġ tal-prodotti sekondarji miksuba minn annimali akkwatiċi kif stabbilit fil-punt K tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu IV tal-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011.]]] (1) jew [l-ipproċessar jew it-trattament bil-metodi msemmija fl Anness X, fl-Anness XI jew fl-Anness XIII tar-Regolament (UE) Nru 142/2011.]]] (1) jew [il-produzzjoni ta' ikel ipproċessat għall-annimali domestiċi, għajr l-ikel nej għall-annimali domestiċi msemmi fl-Anness XIII tar-Regolament (UE) Nru 142/2011.]]] (1) jew [it-trasformazzjoni f'kompost jew f'bijogass imsemmija fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu III tal-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 142/2011.]]] (1)jew [II.1 Il-prodotti sekondarji tal-annimali deskritti fil-Parti I inkisbu minn annimali selvaġġi tal-ispeċijiet elenkati li nstabu mejta jew inqatlu għall-fini tal-prevenzjoni u l-kontroll ta' .....(*daħħal l-isem tal-marda tal-kategorija A rilevanti*) skont l-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti[3] f'konformità mal-Artikolu 64(2)(c) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 u huma maħsuba għall-ipproċessar permezz ta' (1) jew [Metodu 1 sa 5.]] (1) jew [inċinerazzjoni.]] (1) jew [koinċinerazzjoni.]] Noti Parti I: — Kaxxa ta' referenza I.9 u I.11: ħassar kif xieraq. — Kaxxa ta' referenza I.12, I.13 u I.17: in-numru tal-approvazzjoni jew in-numru tar-reġistrazzjoni. — Kaxxa ta' referenza I.14: imla jekk differenti minn "I.1. Konsenjatur".		

	II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b. Numru ta' referenza lokali
	— Kaxxa ta' referenza I.25: għal "ipproċessar", "trattament" jew "trasformazzjoni" — Kaxxa ta' referenza I.31: Natura tal-komodità: "Prodotti sekondarji tal-annimali imsemmija fl-Artikolu 22(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687." Kategorija: "Kategorija 1", "Kategorija 2" jew "Kategorija 3" Parti II: (1) Ħassar kif xieraq. (2) Daħħal in-numru tal-artikolu/i rilevanti, it-titolu u d-data tal-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tal-att legali rilevanti adottat mill-Kummissjoni li jipprovdi dawk il-kundizzjonijiet jew ir-referenza għall-att legali jew l-istruzzjoni approvata u ppubblikata mill-awtorità kompetenti li tipprevedi dawk il-kundizzjonijiet. (3) Ara l-leġiżlazzjoni speċjali dwar il-prevenzjoni tal-mard trażmissibbli.		
	Veterinarju uffiċjali Isem (b'ittri kbar): Kwalifika u titlu: Unità veterinarja lokali: Nru tal-unità veterinarja lokali: Data: Firma:" Timbru:		